MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2014

Numru 901/2012

Il-Pulizija

(Spettur Darren Buhagiar)

vs

David Ellul Lanfranco

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet kontra l-imputat ta' karta ta' idetita' numru 283884(m)' akkuzat li:

1. ghal habta ta' bejn id-disgha ta' filghodu tad-29 ta' Mejju 2004 u s-sebgha ta' filghodu ta' l-ghada 30 ta' Mejju 2004 f'Marsascala ikkometta serq ta' stereo tal-marka 'Alpine' bin-numru tal-mudell mhux maghruf, par 'speakers' tal-marka 'Pioneer', par 'speakers' tal-marka 'Jensen' flimkien mal-ixkaffa tieghu minn go vettura tal-ghamla Peugeot 205 tal-lewn abjad bin-numru ta' registrazzjoni DAT-662 liema serq hu ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, biex xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jaqbez 232.93 euro izda mhux izjed minn 2329.37 euro ghad-detriment ta' Maria Rita Grech minn Marsascala;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-ghamla Peugeot 205 tal-

lewn abjad bin-numru ta' registrazzjoni DAT-662 liema hsara ma tiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29 euro) ghad-detriment ta' Maria Rita Grech minn Marsascala;

3. sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gejt misub hati ta' diversi reati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Permezz ta' dan il-gudikat il-Qorti ser tiddisponi mill-prejudizjali tal-preskrizzjoni u dana skond l-ahhar verbal taghha;

Din tal-preskrizzjoni kienet issollevata l-Qorti stess, kif obbligata f'kawzi kriminali, ai termini tal-Artikolu 694 tal-Kap 9 li jippreskrivi li " il-preskrizzjoni hija applikata mill-Qorti *ex officio* u l-imputat jew akkuzat ma jistax jirrinunzja ghaliha";

Tabilhaqq, jirrisulta wisq car li r-reati li taghom l-imputat qieghed jigi akkuzat, li huma ta' serq u konsegwenti hsara volontarja, jirrisalu ghas-sena 2004 u c-citazzjoni kontra l-imputat giet intavolata tmien snin wara, esattament fis-6 ta' Novembru 2012 u nqrat fit28 tal-istess xahar tal-istess sena.

M'ghandux ikun hemm dubbju f'dan il-kaz li l-preskrizzjoni hija dik preskritta fis-sub-inciz (d) tal-Artikolu 688 tac-citat Kap li jipprefiggi terminu ta' hames snin biex titressaq 'il quddiem l-azzjoni kriminali relattiva;

Intant, ai termini tal-Artikolu 692 tal-precitat Kap "il-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf". Li hawn si tratta ta' delitt m'hemmx dubbju. Il-problematika tqum dwar jekk l-awtur tieghu kienx maghruf tali li l-proceduri setghaw jittiehdu, fil-kaz odjern, qabel l-hames snin.

Jirrisulta minn xhieda tal-ufficjal prosekutur li l-vettura giet ezaminata fit-28 ta' Mejju 2004. Minn rapport ta' Ps680, ikkonfermat bil-gurament, jirrisulta li kien hu li eleva l-impronti minn fuq il-vettura fl-istess gurnata li kien sar r-rapport mid-derubata ossija fit-28 ta' Mejju 2004. Mitlub jispiega r-raguni ghaliex kellhom jghaddu tmien snin sa meta gie maghruf li l-impronti gew identifikati ma' dawk tal-imputat, l-ufficjal prosejutur spiega li dak iz-zmien – il-Qorti tifhem fis-sena 2004 – is-sezzjoni forensika kienu qed juzaw appartat deficjenti 'li ma kienx itella impronti digitali kif suppost'. Zied l-ufficjal prosekutur li susegwentement is-sistema giet aggornata. Pero' ma jghidx meta.

'In dubbio pro reo'.  Stante li l-ammissjoni tieghu ma taghmilx test f'kaz ta' preskrizzjoni, tiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap 9.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------